# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-**

**Numru**

**Avviz. numru 1231/97mm**

**Printwell Limited**

**vs**

**Vladimir Malikov, f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' BaCom Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Gunju 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) rappresentanti l-prezz ta' xoghol ta' stampar u produzzjoni ta' hames mitt kopja tal-gurnal bl-isem "Malta Review", u ta' xogholijiet ohra koncernati, ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Mejju 1997 u tal-Mandat kawtelatorju ta' Qbid pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali relattivi kalkolabbli b'effett mid-data illi fiha gew ikkonsenjati l-kopji tal-gurnal fuq imsemmi f'idejn il-konvenuti sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa illi:

1. Illi fl-ewwel lok, in linea preliminari, l-eccipjenti proprio la qatt kellu u lanqas ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, kif jista jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u l-unika tali relazzjoni, se mai, tezisti bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ix-xoghol maghmul mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita' pattwita u ma giex esegwit skond l-arti u s-sengha kif jista jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi tali nuqqas fil-kwalita' tax-xoghol provdut mis-socjeta' attrici kien ta' entita' tali illi anke rreka dannu lill-eccipjenti illi tilef klijenti attwali u potenzjali minhabba l-kwalita' fqira tal-*printing* tal-gurnal *Malta Review,* ghall-liema danni l-eccipjenti qed izomm ferm id-drittijiet tieghu skond il-Ligi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, tali nuqqas serju gie migjub ghall-attenzjoni tas-socjeta' attrici mill-bidu nett, b'dan illi gie miftiehem illi l-eccipjenti jirtira numru ta' kopji tal-gurnal

*de quo,* anke fil-kundizzjoni hazina li fih gie stampat, sabiex ikun jista jimminimizza d-danni tieghu, u dan minghajr ebda hlas.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat: